**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 155/17AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Marzu tas-sena 1992 gewwa il-Knisja ta' San Alwigi, Birkirkara. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfalli li llum huma maggjorenni.
Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar il-25 ta' April 2017 fl-Atti tan-Nutar Dottor James Grech (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. A).

Illi ai termini ta' Artikolu 4 ta' l-istess Kuntratt, iz-zewg partijiet iddekadu mid-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.
Illi kif ikkonfermat ukoll dl-istess kuntratt, il-partijiet ilhom *de facto* separati minn Settembru 2006 u cioe' oltre ghaxar (10) snin.
Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn ghaxar snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u r-rikorrent addirittura ilu snin twal jghid barra minn Malta.
Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April, 2017;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb illi ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' April, 2017 u de facto separati minn Settembru tal-2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.